



Brussell, 29 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9206/26  
ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0106(NLE)

---

---

AELE 27  
N 29  
FL 11  
ISL 18  
MI 468  
EMPL 116  
SOC 259

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

---

ABBOZZ

**TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru ...**

**ta' ...**

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,  
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-“Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.
- (2) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat biex tkun tista' ssir din il-kooperazzjoni estiża mill-1 ta' Jannar 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Fil-paragrafi 5 u 14 tal-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, il-kliem “is-snin finanzjarji 2021, 2022, 2023, 2024 u 2025” jiġu sostitwiti bil-kliem “is-snin finanzjarji 2021, 2022, 2023, 2024, 2025, 2026 u 2027”.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2026.

---

\* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji*

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*